# Avviżi

## Kunsill Lokali Xewkija



Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija qed jieħu sehem fil-kampanja ta' lokalitajiet indaf li nieda is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni. Il-Kunsill dejjem jagħmel dak kollu possibbli biex jara li l-lokalita tagħna tinżamm nadifa kemm jista' jkun u dan mhux biss għax ġiet imnedija din il-kompetizzjoni iżda għall-ġid tar-residenti mhux biss tagħna li ngħixu f'dan ir-raħal imma anke ta' min iżurna.

Il-Kunsill ser ikun qed jieħu diversi inizjattivi biex ir-raħal tagħna nagħtuh dehra isbaħ u aktar nadifa, iżda żgur li ma jkollnix suċċess jekk intom ma tgħatux is-sehem tagħkom. Kif se taraw f'dan il-fuljett, il-Kunsill joffri diversi servizzi dwar l-indafa u kif għandu jinġabar l-iskart. Għalhekk kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu u nużaw dawn is-servizzi b'mod tajjeb u mingħajr abbużi. Sfortunatament għad hawn min jabbuża u jitfa' skart fl-art jew fil-kampanja. Dan m'huwiex aċċettabbli meta hawn daqstant servizzi fejn wieħed jista' jarmi l-iskart u għalhekk kulħadd għandu jkun responsabbli tal-għemil tiegħu. Infakkru li dawn is-servizzi huma kollha bla ħlas. Kull min jixtieq xi informazzjoni jista' jiġi jew iċempel l-Uffiċċju tal-Kunsill.

## ĠBIR TA' MATERJAL RIĊIKLABBLI



Il-Kunsill jixtieq ifakkar dwar servizzi oħra ta' ġbir ta' skart. Kull nhar ta' Tnejn wara t-7.30 ta' filgħodu qed isir il-ġbir ta' skart riċiklabbli. Importanti li ngħinu f'din il-kampanja ta' tindif u nirriċiklaw kemm huwa possibbli materjal minn djarna stess. Dan il-materjal plastic, karti u metall irid jitpoġġa fil-boroż apposta u jinħareġ nhar ta' Tnejn.



Barra minn hekk tista' tissepara l-iskart fil-Bring in Sites li għandna fi Triq Widnet il-Baħar u anke fi Pjazza Tal-Barmil. Hawnhekk jista' jintefa b'mod separat materjal nadif: karti, plastic, metall u ħġieġ. Mhux permess li jintefa' skart ieħor u lanqas li jitpoġġa/jintefa' skart fl-art ma' ġenb l-istess Bring in Sites.

# ĠBIR TA’ SKART



Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija qed jitlob il-koperazzjoni tagħkom biex il-kontenituri tal-iskart jitpoġġew barra d-djar tagħkom ftit ħin biss qabel jgħaddi tal-iskamel. Il-kontenituri għandhom possibilment jinżammu mdendlin biex nevitaw li jintlaħqu mill-klieb jew qtates. Kulhadd mitlub biex ipoġġi l-kontenitur **quddiem tiegħu u mhux ipoġġih quddiem ta' ħaddieħor u lanqas quddiem xi ħitan tas-sejjieħ, pjazez, ġonna jew postijiet oħra publiċi. Il-Ġbir ta' skart jibda fis-7.30am.** Fil-Ħdud u Festi Pubbliċi ma jinġabarx skart u għalhekk ma għandux jinħareġ skart.



Servizz ieħor huwa dak ta' ġbir ta' skart goff bħal xi “fridge”, saqqu, “cookers”, etċ, direttament mid-dar tiegħek. Għal dan is-servizz tistgħu ċċemplu l-Uffiċċju tal-Kunsill fuq 21558822 jew 21565719.



## ĊENTRU GĦALL-ĠBIR TA' SKART GOFF F'TAL-KUS, IX-XEWKIJA




Kif tafu ftit tal-ġimgħat ilu l-Gvern Ċentrali permezz tal-kumpanija tiegħu l-WasteServ Ltd fetaħ uffiċċjalment iċ-Ċentru għall-ġbir ta' skart goff li tinsab fl-inħawi magħrufa bħala Tal-Kus ix-Xewkija (tidħol minn fejn il-Heliport).

F'din il-faċilita wieħed jista' jarmi b'mod separat l-iskart goff u skart ieħor li jista' jkollu. Il-Kunsill iħeġġeġ lil kulħadd biex jagħmel użu minn dan is-servizz li huwa mingħajr ħlas.



Il-Kunsill javża li l-ġbir ta' skart goff li jsir kull nhar ta' Sibt fi Triq Widnet il-Baħar se jibqa' jsir sas-Sibt 26 ta' Settembru 2009. Wara dik id-data kull min ikollu skart goff għandu jmur jarmih direttament fiċ-Ċentru għall-ġbir ta' skart goff. Hemmhekk ikun hemm il-ħaddiema tal-WasteServ Ltd li jkunu lesti jgħinuk f'dak li jkollok bżonn.

**Kbar u żgħar**
**Għall-Ambjent Aħjar**
**Ibda millum**
**Issepara kuljum**

# Ħmieġ tal-annimali fit-Toroq!



Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija qed jirċievi ħafna lmenti dwar il-ħmieġ ta' żwiemel u anke' klieb, li qed ikun hawn tista' tgħid ta' kuljum, f'diversi toroq u fuq il-bankini. Il-Kunsill jiddispjaċih jinnota li f'dawn l-aħħar xhur dan l-inkonvenjent qed ikun aktar ta' spiss u l-ilmenti ġustifikati qed jiżdiedu, b'mod speċjali dwar taż-żwiemel.



Kif tafu, l-Gvern Ċentrali ntroduċa l-Gwardjani Lokali dwar l-Ambjent (Green Wardens). Hemm multi kbar għal min jinqabad iħammeġ l-ambjent ta' madwaru, nkluż it-toroq. Is-sidien tal-bhejjem huma mitluba sabiex joqgħodu aktar attenti u ma jħallux lill-bhejjem tagħhom iħammġu t-toroq tagħna u meta jħammġu s-sidien għandhom immedjatament inaddfu t-triq. Għalhekk ftakkru dejjem oħorġu magħkom xkora u pala biex tnaddfu.



Il-Kunsill qed jonfoq ħafna flus biex iżomm ir-raħal kemm jista' jkun nadif iżda żgur li mingħajr il-koperazzjoni ta' kulħadd ma jkunx possibbli li raħalna jinżamm nadif u sabiħ. Il-Kunsill javża li issa wara li saret kampanja Edukattiva mill-Gwardjani Lokali, min jinqabad iħammeġ se jibda jeħel il-multi.